MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Ittra Numru. 40/2007

Avviz Numru 40/2007

Joseph Portelli

vs

Josephine sive Guza Micallef, u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2008, giet kjamata fil-kawza Vanessa Portelli mart l-attur Joseph Portelli

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-3 ta' Awwissu 2007, li jghid hekk :-

'Illi l-konvenuta hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000), ammont rapprezentanti depozitu mhallas mill-attur akkont tal-prezz tal-bejgh ta' bicca raba' msejha 'Tal-Loggja', fil-limiti tax-Xewkija, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka tliet mija u sbatax punt disa' metri kwadri

(317.9m.k.), kif immarkata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta u site plan annessa mal-konvenju datat il-10 ta' Novembru 2001, konkluz bejn il-partijiet relattivament ghall-bejgh ta' l-imsemmija porzjoni ta' art, liema konvenju skada fl-10 ta' Marzu 2003.
Illi l-imsemmi depozitu fl-ammont ta' Lm1,000 ma giex rifuz lura lill-attur minkejja l-fatt illi l-konvenju ta' l-10 ta' Novembru 2001, skada fuq kif premess minghajr ebda tort imputabbli lill-istess attur.
Bl-ispejjez u mghaxijiet legali kontra l-konvenuta li qed tigi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.'

Il-konvenuta permezz tar-risposta tieghha pprezentata fl-10 ta' Jannar 2008, eccepiet :-

'1. Illi l-esponenti qeghda tikkontesta din it-talba pero' ma tistax tirregola ruhha peress illi ma giex esibit l-allegat konvenju tal-10 ta' Novembru 2001 ;

2. Illi fi kwalunkwe kaz hija qeghda tikkontesta t-talba u tirrizerva li tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha fi stadju ulterjuri.'

Fl-udjenza tal-4 ta' April 2008, il-konvenuta eccepiet ulterjorment in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi din it-talba stante illi l-meritu jolqot prezz ta' Lm65,000 u dan fid-dawl ta' dak illi ddecieda l-istess Tribunal fl-1 ta' April 2008 fit-talba fl-ismijiet : ' Joseph Portelli vs Nazzareno Theuma et', li l-meritu taghha kien simili ghal dak prezenti, ghaliex kien jikkoncerna plot attigwa li dwarha oht il-konvenuta, Frances Theuma, kienet ghamlet ukoll konvenju biex tbiegh din il-plot taghha.

B'digriet tal-5 ta' Novembru 2008, giet kjamata fil-kawza Vanessa Portelli, mart l-attur Joseph Portelli, li saret fuq talba tal-konvenuta billi l-ammont pretis mill-attur jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

B'nota ta' Vanessa Portelli tal-4 ta' Dicembru 2008, il-kjamata fil-kawza assocjat ruhha mat-talbiet tal-attur.

Ra n-Nota tal-konvenuta tal-20 ta' Jannar 2009, li permezz taghha ammettiet it-talba attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob li jigi rifuz lilu d-depozitu ta' elf lira Maltin (Lm1,000) li kien hallas akkont tal-prezz fuq konvenju li hu flimkien ma' martu Vanessa Portelli kien dahal fih mal-konvenuta Josephine sive Guza Micallef fil-ghaxra (10) ta' Novembru elfejn u wiehed (2001), ghax-xiri u akkwist ta' bicca art fix-Xewkija, Ghawdex, maghrufa bhala 'Tal-Loggja', tal-kejl ta' cirka tliet mija u sbatax punt disgha metri kwadri (317.9m.k.), liema konvenju baqa' ma mmaturax ruhhu minhabba li l-konvenuta baqghet ma gietx immessa fil-pussess tal-legat tal-art minn hutha li kienet kitbitilha ommha, u li ntrabtet li tbiegh, u tilef l-effetti tieghu wara sena u erbgha xhur. Billi l-konvenuta baqghet ma rritornatx dan id-depozitu, l-attur ipproceda bil-kawza biex jigbor lura l-flus minghand il-konvenuta li kien hallasha. Dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuta dwar in-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* tat-Tribunal billi l-punt in kontestazzjoni mhuwiex il-konvenju li thalla jmut mewtha naturali mill-partijiet, izda t-talba biex l-attur jigbor lura l-elf lira Maltin (Lm1,000) li l-konvenuta baqghet tirrifjuta li tirritorna lura meta r-rabta ta' bejniethom dwar il-bejgh tal-art kienet spiccat, u l-konvenju kien tilef il-validita' tieghu. It-talba li qed jipproponi l-attur taqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal , u bl-ebda mod dan it-Tribunal ma jhoss il-htiega li ghandu jiddevja mit-talba semplici li qed issirlu ghall-hlas lura tal-flus li l-konvenuta qed izomm f'idejha indebitament, u jidhol fil-meritu ta' kwistjonijiet ohra li ma baqghalhomx aktar effett bejn il-partijiet minhabba li kull parti halliet il-konvenju jiskadi bla ma hadd minnhom baqa' ma talab l-esekuzzjoni tieghu, u ghalhekk l-unika kwitsjoni li fadal bejn il-partijiet hija proprju dik li tifforma l-meritu tal-kaz li ghandu quddiemu dan it-Tribunal li jordna l-hlas lura tas-somma li kien hallas l-attur lill-konvenuta

fuq dak il-konvenju. Ghaldaqstant l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuta mhijiex sostenibbli u qed tigi respinta.

Fil-meritu, dan it-Tribunal fuq ammissjoni tal-konvenuta tat-talba tal-attur iqis li t-talba tal-attur hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fil-konfront tal-attur u tal-kjamata fil-kawza billi jidher li hemm qbil bejn dawn it-tnejn, u kif wara kollox jirrizulta mill-konvenju stess, li l-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) kien thallas lill-konvenuta minnhom it-tnejn bhala konjugi.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur u lill-kjamata fil-kawza solidalment bejniethom is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) illum ekwivalenti ghal elfejn tliet mija u disa’ u ghoxrin Euro u seba’ u tletin centesimi (€2329.37), bl-imghax legali b’effett mid-data ta’ meta gie pprezentat l-avviz tat-talba sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------